**NOMINA TAS-SA ROSEANNE CAMILLERI GĦALL-ĦATRA TA’ AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI TA’ MALTA GĦAL LIECHTENSTEIN**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **X’taħseb li huma l-isfidi li se tkun qed tara fil-pajjiż fejn se tinħatar bħala ambaxxatur? U kif qiegħed tara li dawn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati f’dan il-pajjiż?**

Liechtenstein illum qed tiffaċċja sfidi li huma karatteristiċi ta’ pajjiż żgħir iżda ekonomikament avvanzat u b’irwol internazzjonali sproporzjonat għad-daqs tiegħu.

Fuq livell ambjentali, il-pajjiż qed jiffaċċja pressjoni dejjem tikber fuq l-użu tal-art, il-kwalità tal-arja u l-infrastruttura tat-trasport, b’mod partikolari minħabba l-kommutazzjoni transfruntiera estensiva u l-effetti tal-bidla fil-klima f’żona Alpina b’ispazju limitat. Dawn l-isfidi huma aggravati minn fatturi li Liechtenstein ma tistax tindirizzahom waħedha, u għalhekk teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib mal-Awstrija u l-Isvizzera, speċjalment f’dak li għandu x’jaqsam mal-kwalità tal-arja, it-trasport u l-ġestjoni ambjentali reġjonali.

Fuq livell ekonomiku u finanzjarju, Liechtenstein tkompli tiffaċċja l-isfida ta’ konsolidazzjoni tal-mudell tagħha bħala ċentru finanzjarju internazzjonali bbażat fuq trasparenza, konformità u reputazzjoni soda. Fil-waqt li l-pajjiż għamel progress sinifikanti f’dawn l-aħħar snin, inkluż permezz tal-iskambju awtomatiku ta’ informazzjoni u allinjament mal-istandards tal-OECD u tal-Unjoni Ewropea, l-sfida tibqa’ dik li jżomm dan il-livell għoli ta’ konformità f’ambjent regolatorju li qed isir dejjem aktar kumpless, b’mod partikolari fir-rigward ta’ assi diġitali u finanzjament sostenibbli.

Biex jindirizza dawn l-isfidi, Liechtenstein qed tkompli ssaħħaħ il-qafas regolatorju u istituzzjonali tagħha, kemm fil-qasam finanzjarju kif ukoll f’dak ambjentali. Il-pajjiż investa f’politiki ta’ enerġija rinnovabbli, ippjanar sostenibbli tal-użu tal-art, u qed jimplimenta mekkaniżmi strutturati ta’ monitoraġġ u rappurtar skont il-Ftehim ta’ Pariġi. Fl-istess ħin, Liechtenstein qed tkompli tpoġġi enfasi fuq multilateralità effettiva, permezz ta’ parteċipazzjoni attiva fil-OECD, fil-Ġnus Magħquda u fi ftehimiet ma’ sħab Ewropej, b’mod li tikkontribwixxi b’mod kredibbli u kostruttiv għal soluzzjonijiet ta’ sfidi globali.

2. **X’inhuma l-binarji, b’mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f’każ li tinħatar Ambaxxatur?**

Bħala Ambaxxatur, nara l-irwol tiegħi mibni fuq numru ta’ binarji kumplimentari imfassla biex iservu l-interess nazzjonali ta’ Malta u jsaħħu relazzjoni stabbli u kredibbli ma’ Liechtenstein.

L-ewwel nett, inqis bħala prijorità t-tisħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali u istituzzjonali, b’enfasi fuq djalogu regolari u koordinazzjoni f’oqsma ta’ interess komuni, inkluż fuq livell Ewropew u multilaterali. F’dan il-kuntest, nirrikonoxxi l-importanza tal-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-EEA u l-mekkaniżmi relatati, u nara l-irwol ta’ Ambaxxatur bħala dak li jiffaċilita u jsaħħaħ dawn l-istrutturi ta’ kooperazzjoni.

It-tieni binarju jkun dak tal-kooperazzjoni ekonomika u ta' valur miżjud, b'mod partikolari f'oqsma fejn teżisti kompatibilità bejn iż-żewġ ekonomiji, bħat-teknoloġija, l-innovazzjoni u s-servizzi sostenibbli.

It-tielet binarju jkun il-promozzjoni tal-iskambju kulturali u edukattiv, bħala mezz biex tinbena relazzjoni fit-tul bejn il-popli u mhux biss bejn l-istituzzjonijiet.

Fl-aħħar nett, nara l-irwol tal-Ambaxxatur bħala dak li jsaħħaħ il-kooperazzjoni f'fora internazzjonali, fejn pajjiżi żgħar bħal Malta u Liechtenstein jistgħu jaħdmu flimkien b'mod kostruttiv fuq temi ta' interess komuni."

**3.** **Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?**

Bħala Ambaxxatur, nara lix-xogħol tiegħi jista' jikkontribwixxi biex jissaħħu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' Liechtenstein permezz ta' approċċ pragmatiku u ibbażat fuq mezzi ta' kooperazzjoni eżistenti.

Ix-xogħol tiegħi jkun immirat li japprofondixxi d-djalogu politiku u istituzzjonali, inkluż permezz ta' kuntatti regolari ta' livell għoli u koordinazzjoni f'fora multilaterali fejn iż-żewġ pajjiżi huma attivi. Fl-istess ħin, inqis bħala importanti li jiġu appoġġjati inizjattivi konġunti li jsaħħu l-kooperazzjoni u l-fehim reċiproku.

F'dan il-kuntest, fost oħrajn:

- Inħeġġeġ u niffaċilita skambji kulturali u edukattivi, inkluż avvenimenti u inizjattivi li jippromwovu l-kultura, il-wirt u l-identità taż-żewġ pajjiżi, bħala mezz biex jissaħħu r-rabtiet bejn iż-żewġ pajjiżi.
- Inkun ta' sostenn biex jiġu identifikati u promossi opportunitajiet ta' kooperazzjoni ekonomika, b'mod partikolari f'setturi ta' valur miżjud, permezz ta' kuntatti bejn istituzzjonijiet u atturi ekonomiċi rilevanti.
- Niffaċilita djalogu u skambju ta' esperjenzi f'oqsma bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni, b'mod partikolari fuq livell ta' politika u prattiki tajbin, u fejn xieraq fi ħdan qafas Ewropew jew multilaterali.
- Naħdem biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni f'fora internazzjonali, speċjalment fuq temi globali bħal bidla fil-klima, is-sostenibbiltà u l-ġustizzja soċjali, fejn pajjiżi żgħar jistgħu jaħdmu flimkien b'mod effettiv.

**4.** **Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

L-isfidi prinċipali biex tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn Malta u Liechtenstein huma marbuta l-aktar mad-daqs relattiv u l-ambitu limitat tar-relazzjoni, aktar milli ma' nuqqas ta' rieda jew ta' allinjament bejn iż-żewġ pajjiżi.

Fost dawn l-isfidi hemm il-fatt li, bħala żewġ Stati żgħar, ir-relazzjoni ma tiżviluppax b'mod awtomatiku u teħtieġ impenn kontinwu biex tinżamm viżibbli u attiva. Hemm ukoll sfidi prattiċi marbuta mad-distanza ġeografika u n-numru relattivament limitat ta' kuntatti diretti bejn l-istituzzjonijiet u l-popli.

Sfida oħra hija li ħafna mill-oqsma ta' interess komuni, bħall-politika ekonomika, il-klima u l-governanza, jiġu indirizzati prinċipalment fi ħdan qafas Ewropew jew multilaterali, u dan jirrikjedi koordinazzjoni effettiva sabiex il-kooperazzjoni bilaterali tkun waħda komplementari. Dawn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati billi jiġu msaħħa l-mezzi ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni eżistenti, billi jitpoġġa enfasi fuq inizjattivi ta' valur miżjud u billi Malta u Liechtenstein ikomplu jaħdmu flimkien b'mod kostruttiv f'fora internazzjonali fejn l-interessi tagħhom jikkonverġu.

Eżempju ta' ħidma bilaterali iffukata fuq inizjattivi ta' valur miżjud jista' jkun il-promozzjoni u l-appoġġ ta' skambji konkreti bejn istituzzjonijiet jew entitajiet miż-żewġ pajjiżi, bħall-organizzazzjoni ta' inizjattivi kulturali konġunti jew kollaborazzjoni akkademika, li jibnu relazzjonijiet fit-tul b'mod realistiku u sostenibbli.

**5. X'taħseb li huma n-niċeċ li jista' jkun hemm sinerġija fuqhom bejn Malta u l-pajjiż fejn int se tkun qed tirrappreżenta lil pajjiżna?**

Malta u Liechtenstein jistgħu jsibu sinerġiji f'numru ta' niċeċ speċifiċi fejn teżisti kompatibilità bejn l-istrutturi u l-esperjenzi tagħhom, minkejja d-daqs relattiv taż-żewġ pajjiżi.

Fost dawn in-niċeċ hemm l-innovazzjoni u s-soluzzjonijiet diġitali, inkluż f'oqsma bħas-saħħa diġitali u s-servizzi pubbliċi, fejn jista' jsir skambju ta' esperjenzi u prattiki tajbin bejn istituzzjonijiet u entitajiet rilevanti. Hemm ukoll spazju għal kollaborazzjoni f'oqsma relatati mas-sostenibbiltà u l-enerġija nadifa, b'mod partikolari fuq livell ta' proġetti żgħar u inizjattivi pilota.

Barra minn hekk, jistgħu jiġu esplorati sinerġiji f'oqsma bħall-finanzi innovattivi u sostenibbli, mhux permezz ta' arranġamenti regolatorji, iżda permezz ta' djalogu u kuntatti bejn atturi ekonomiċi, kif ukoll fil-qasam kulturali u edukattiv, li joffri opportunitajiet konkreti biex jissaħħu r-rabtiet bejn iż-żewġ pajjiżi.

**6. Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Sabiex nissaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn Malta u Liechtenstein, huwa importanti li niffukaw fuq approċċ pragmatiku li jqis id-daqs u n-natura speċifika taż-żewġ ekonomiji.

Fl-opinjoni tiegħi l-irwol ta' Ambaxxatur f'dan il-qasam ikun dak li jsaħħaħ il-kuntatti bejn l-istituzzjonijiet u l-komunitajiet tan-negozju, billi jappoġġja inizjattivi ta' promozzjoni kummerċjali u jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u opportunitajiet ta' investiment f'setturi ta' valur miżjud, bħallinnovazzjoni, it-teknoloġija u s-servizzi speċjalizzati.

F'dan il-kuntest, ikun importanti wkoll li jitħeġġeġ il-kuntatt bejn entitajiet ekonomiċi miż-żewġ pajjiżi permezz ta' fora tan-negozju, laqgħat tematiċi u inizjattivi organizzati f'kollaborazzjoni mal-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta u l-Kamra tan-Negozju ta' Għawdex.

Fir-rigward tat-turiżmu, nara spazju għal kollaborazzjoni fuq livell ta' niċeċ speċifiċi, bħall-kultura, l-edukazzjoni u ż-żjarat tematiċi, li jsaħħu r-rabtiet bejn il-popli u jikkontribwixxu b'mod sostenibbli għar-relazzjoni ekonomika bejn iż-żewġ pajjiżi.

**7. F'dan ir-rigward tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Hemm trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?**

F'dan ir-rigward, nara li l-enfasi għandha tkun fuq it-tħaddim aktar effettiv tal-qafas ta' ftehimiet u arranġamenti eżistenti, aktar milli fuq l-introduzzjoni ta' trattati ġodda fuq skala wiesgħa.

Fejn jeżistu trattati jew arranġamenti fis-seħħ, bħal dawk relatati mal-kooperazzjoni ekonomika jew amministrattiva, hemm lok li dawn jiġu implimentati u użati b'mod aktar attiv sabiex jiffaċilitaw kuntatti u inizjattivi konkreti bejn l-istituzzjonijiet u l-atturi rilevanti miż-żewġ pajjiżi.

Fir-rigward ta' esplorazzjoni futura, jista' jkun hemm spazju biex jiġu kkunsidrati memoranda ta' ftehim jew arranġamenti ta' kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi u ta' valur miżjud, bħall-innovazzjoni, ir-riċerka, il-kultura jew l-edukazzjoni, b'mod flessibbli u pragmatiku.

Dan l-approċċ jippermetti lir-relazzjoni bejn Malta u Liechtenstein tkompli tissaħħaħ b'mod flessibbli, realistiku u konformi mar-responsabbiltajiet istituzzjonali taż-żewġ pajjiżi.

**8. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Iva, hemm lok għal kooperazzjoni akbar fil-qasam tat-turiżmu bejn Malta u Liechtenstein, b'mod partikolari fuq livell ta' niċeċ speċifiċi u inizjattivi ta' skala adegwata li jqisu d-daqs u l-karatteristiċi taż-żewġ pajjiżi.

F'dan il-kuntest, hemm spazju biex jitħeġġu skambji kulturali u inizjattivi tematiċi li jippromwovu l-fehim reċiproku u l-apprezzament tal-kulturi rispettivi. Barra minn hekk, il-promozzjoni ta' niċeċ turistiċi bħall-wellness, l-isport, il-mixi u l-esperjenzi kulturali tista' toffri opportunitajiet konkreti ta' kollaborazzjoni ffukata fuq niċeċ speċifiċi u sostenibbli.

Fl-aħħar nett, nara wkoll spazju għal kollaborazzjoni fil-qasam tat-turiżmu sostenibbli, permezz ta' skambju ta' prattiki tajbin u inizjattivi li jsaħħu l-ħarsien tal-ambjent u l-kwalità tal-esperjenza turistika, b'mod li jikkontribwixxi għal relazzjoni fit-tul u sostenibbli bejn iż-żewġ pajjiżi.

**9. Fuq livell ta' politika Ewropea u internazzjonali, tara li ż-żewġ pajjiżi jistgħu jsaħħu l-koperazzjoni bejniethom?**

Iva, fuq livell ta' politika Ewropea u internazzjonali hemm lok biex Malta u Liechtenstein isaħħu aktar il-kooperazzjoni bejniethom, minkejja li Liechtenstein mhuwiex membru tal-Unjoni Ewropea. Din il-kooperazzjoni tista' titrawwem billi jkomplu jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom f'fora multilaterali u jaħdmu flimkien fuq temi ta' interess komuni bħas-sostenibbiltà, il-klima, l-innovazzjoni u l-governanza.

Barra minn hekk, hemm spazju biex iż-żewġ pajjiżi jkomplu jikkollaboraw b'mod kostruttiv f'inizjattivi multilaterali li jindirizzaw sfidi komuni u li jsaħħu l-irwol ta' Stati żgħar fil-proċessi Ewropej u globali.

**10. Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk matul il-karriera tiegħek kontx involut fil-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

Matul il-karriera professjonali tiegħi kelli l-opportunità li naħdem f'diversi rwoli u kapaċitajiet fis-servizz pubbliku, iżda ma kontx involut direttament fil-Korp Diplomatiku u lanqas ma ħdimt fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

**11. Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?**

Fil-preżent, jiena nokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tas-Servizzi Nazzjonali tas-Saħħa Mentali fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, kif ukoll l-inkarigu ta' Associate Dean (Non-Clinical) tal-Barts and The London School of Medicine and Dentistry (Malta).

F'każ li nkun onorata li ninħatar bħala Ambaxxatur, l-intenzjoni tiegħi tkun li nżomm dawn il-karigi, filwaqt li niżgura li r-responsabbiltajiet rispettivi jiġu mmaniġġjati b'mod xieraq u mingħajr ebda kunflitt ta' interess, u li l-impenji marbuta ma' l-irwol ta' Ambaxxatur jingħataw l-attenzjoni u d-dedikazzjoni meħtieġa.

**12. Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?**

M'għandix attivitajiet kummerċjali, u għaldaqstant ma jeżisti ebda kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva.

**13. Tista' tinforma lill-kumitat jekk kellekx diġà jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?**

M'għandix rabtiet jew investimenti kummerċjali fl-Liechtenstein, u għaldaqstant ma jeżisti ebda kunflitt ta' interess relatat ma' din il-kariga prospettiva.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

**1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal Liechtenstein?**

L-Ambaxxatur mhux residenti ta' Malta għal-Liechtenstein għandu rwol primarjament ta' rappreżentanza diplomatika u ta' tisħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali bejn iż-żewġ pajjiżi, minkejja in-nuqqas ta' preżenza diplomatika permanenti.

L-irwol jinkludi l-promozzjoni ta' djalogu u kooperazzjoni f'oqsma ta' interess komuni, kif ukoll il-parteċipazzjoni f'avvenimenti uffiċjali u kuntatti istituzzjonali meta meħtieġ. Bħala Ambaxxatur mhux residenti, l-enfasi tkun fuq il-bini u ż-żamma ta' relazzjonijiet stabbli u kostruttivi, u fuq ir-rappurtar lill-Gvern Malti dwar żviluppi rilevanti f'Liechtenstein li jistgħu jkunu ta' interess għal Malta.

Dan l-irwol jippermetti lil Malta tibqa' preżenti u viżibbli f'pajjiżi fejn m'għandhiex rappreżentanza residenti, b'mod proporzjonat u konformi man-natura tar-relazzjoni bejn iż-żewġ Stati.

**2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Liechtenstein?**

Fl-opinjoni tiegħi, l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u Liechtenstein huma l-aktar ta' natura prattika u strutturali, aktar milli marbuta ma' nuqqas ta' rieda jew relazzjoni politika bejn iż-żewġ pajjiżi. Bħala żewġ Stati żgħar u ġeografikament imbiegħda minn xulxin, l-ambitu tar-relazzjoni bilaterali huwa limitat b'mod naturali, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ dirett u l-flussi ekonomiċi. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' rappreżentanza diplomatika residenti jfisser li r-relazzjoni teħtieġ impenn u koordinazzjoni konsistenti sabiex tinżamm attiva u viżibbli.

Sfida oħra hija li ħafna mill-oqsma ta' interess komuni, bħall-ekonomija, l-ambjent u kwistjonijiet globali, jiġu indirizzati primarjament fi ħdan qafas multilaterali, u dan jirrikjedi ħidma koordinata biex il-kooperazzjoni bilaterali tkun effettiva u ta' valur miżjud.

3. **Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Liechtenstein**?

Malta u Liechtenstein jaqsmu numru ta' pożizzjonijiet u interessi komuni li jiffurmaw il-bażi tar-relazzjoni tagħhom, b'mod partikolari bħala Stati żgħar li joperaw f'ambjent Ewropew u internazzjonali. Iż-żewġ pajjiżi għandhom interess komuni fil-promozzjoni tal-multilateralità, ir-rispett lejn id-dritt internazzjonali u approċċ ibbażat fuq kooperazzjoni u stabbiltà. Hemm ukoll konverġenza fuq temi bħas-sostenibbiltà, il-ħarsien tal-ambjent, l-edukazzjoni u l-kultura, fejn il-kooperazzjoni hija aktar ta' natura ta' skambju ta' esperjenzi u fehma reċiproka.

Barra minn hekk, Malta u Liechtenstein jaħdmu flimkien f'fora internazzjonali fejn jippromwovu l-paċi, is-sigurtà u kooperazzjoni bejn Stati, b'mod li jsaħħu l-irwol ta' pajjiżi żgħar fil-kuntest globali. Dawn l-interessi komuni jipprovdu bażi soda għal relazzjoni kostruttiva u realistika bejn iż-żewġ pajjiżi.

**4. Xi preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku?**

Ma kellix formazzjoni formali jew preparazzjoni diretta fi ħdan korp diplomatiku. Madankollu, matul il-karriera professjonali tiegħi kelli l-opportunità li naħdem f'diversi rwoli li żviluppaw ħiliet rilevanti bħall-komunikazzjoni istituzzjonali, ir-rappreżentanza, il-ħidma f'kuntesti internazzjonali u l-ġestjoni ta' relazzjonijiet ma' entitajiet differenti.

**5. Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?**

Le, qatt ma ġejt assenjata ġewwa ambaxxata u lanqas ma rċevejt taħriġ formali fid-diplomazija. Madankollu, l-esperjenza professjonali tiegħi f'oqsma oħra tatni għarfien u ħiliet li jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv f'kuntest diplomatiku, speċjalment f'irwol ta' Ambaxxatur mhux residenti.

**6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?**

Ma kontx involuta direttament f'negozjati, trattati jew dikjarazzjonijiet formali fuq livell diplomatiku bejn Malta u pajjiżi oħra. Madankollu, matul il-karriera professjonali tiegħi kont involuta f'numru ta' proċessi ta' negozjar u diskussjonijiet fl- interess ta' pajjiżna, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa, fejn kien meħtieġ djalogu strutturat, rappreżentanza istituzzjonali u bilanċ ta' interessi differenti.

Dawn l-esperjenzi tawni ħiliet prattiċi fin-negozjar, fil-komunikazzjoni u fil-ġestjoni ta' relazzjonijiet istituzzjonali, li nista' napplika b'mod responsabbli f'kuntest diplomatiku, b'mod partikolari f'irwol ta' Ambaxxatur mhux residenti.

**7. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?**

Matul il-karriera professjonali tiegħi kont impjegata ma' diversi entitajiet tal-Istat Malti. Bdejt il-karriera tiegħi mal-Malta Development Corporation, u sussegwentement ħdimt fil-Ministeru għall-Investiment Parastatali u tal-Poplu, kif ukoll fid-Dipartiment tal-Agrikoltura.

Mill-1988 'il quddiem kont impjegata fil-Ministeru tas-Saħħa, fejn matul is-snin okkupajt diversi karigi ta' tmexxija. F'dawn l-aħħar 18-il sena, servejt f'karigi ta' Kap Eżekuttiv, inkluż tal-Pharmacy of Your Choice (2008 - 2017), tal-Primary HealthCare (2017 - 2024), u bħalissa tas-Servizzi Nazzjonali tas-Saħħa Mentali (2024 - sal-lum).

8. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

Minħabba n-natura tal-karigi li okkupajt matul il-karriera tiegħi, ħdimt mill-qrib mal-Ministri, mas-Segretarjati tagħhom u mas-Segretarji Parlamentari, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' programmi u servizzi fil-qasam tas-saħħa li jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-saħħa tal-nazzjonali.

9. **Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal Liechtenstein?**

Fil-preżent, jiena nokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tas-Servizzi Nazzjonali tas-Saħħa Mentali fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, kif ukoll l-inkarigu ta' Associate Dean (Non-Clinical) ta' Barts and The London School of Medicine and Dentistry (Malta).

F'każ li nkun onorata li ninħatar bħala Ambaxxatur, lintenzjoni tiegħi tkun li nżomm dawn il-karigi, filwaqt li niżgura li r-responsabbiltajiet rispettivi jiġu immaniġġjati b'mod xieraq u mingħajr ebda kunflitt ta' interess, u li l-impenji marbuta ma' l-irwol ta' Ambaxxatur jingħataw l-attenzjoni u d-dedikazzjoni meħtieġa.

10. **Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali?**
**Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal Liechtenstein?**

M'għandix attivitajiet kummerċjali, u għaldaqstant ma jeżisti ebda kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva.

11. **Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?**

M'għandix kunflitti ta' interess fir-rigward ta' din il-ħatra.

12. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?

Jien ċittadina Maltija u għandi passaport Malti. Ma għandi ebda ċittadinanza jew passaport ta' pajjiż ieħor.